

Brussell, 18 ta' Mejju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0129 (COD)

9040/18
ADD 1

TRANS 208
IA 136

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 274 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 274 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2018) 274 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
COM(2018) 274 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

**Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-
toroq**

{SEC(2018) 226 final} - {SWD(2018) 175 final} - {SWD(2018) 176 final}

ANNESS

L-Annessi tad-Direttiva 2008/96/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS I

ELEMENTI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ”;

(2) L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS II

ELEMENTI TAL-VERIFIKA TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ”;

(b) fit-taqsimha 1 jiżdied il-punt (n) li ġej:

“(n) dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

i) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi,

ii) dispożizzjonijiet għaċ-ċiklisti,

iii) dispożizzjonijiet għal vetturi motorizzati b'żewġ roti.”;

(c) fit-taqsimha 2, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

i) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi,

ii) dispożizzjonijiet għaċ-ċiklisti,

iii) dispożizzjonijiet għal vetturi motorizzati b'żewġ roti.”;

(3) jiddaħħal l-Anness IIa li ġej:

“ANNESS IIa

ELEMENTI TAL-ISPEZZJONIJIET TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

1. Allinjament tat-triq u sezzjoni trasversali:

(a) viżibbiltà u distanzi viżivi;

(b) limitu tal-veloċità u żonar tal-veloċitajiet;

(c) allinjament awtoevidenti (i.e. kemm is-sewwieqa jistgħu “jaqraw” l-allinjament);

(d) aċċess għall-proprjetà u l-iżviluppi maġenb it-triq;

(e) aċċess għall-vetturi ta' emerġenza u tas-servizzi;

(f) trattamenti fil-pontijiet u fil-pajpijiet tad-dranaġġ tat-toroq;

(g) tqassim tal-ġenb tat-triq (shoulders, waqfiet tal-bankini, għub imħaffra jew mġhollija).

2. Intersezzjonijiet tat-toroq u interskambji:

(a) adegwatezza tat-tip ta' intersezzjoni jew interskambju;

(b) ġeometrija tat-tqassim tal-intersezzjoni jew l-interskambju;

(c) viżibbiltà u intuittività (il-perċezzjoni) tal-intersezzjonijiet;

- (d) viżibbiltà fl-intersezzjoni;
- (e) tqassim tal-karreġġati awżiljari fl-intersezzjonijiet;
- (f) kontroll tat-traffiku fl-intersezzjoni (eż. ikkontrollati permezz ta' stop jew permezz ta' sinjali tat-traffiku eċċ.);
- (g) eżistenza ta' postijiet fejn jistgħu jaqsmu t-triq il-persuni bil-mixi.

3. Dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

- (a) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi;
- (b) dispożizzjonijiet għaċ-ċiklisti;
- (c) dispożizzjonijiet għal vetturi motorizzati b'żewġ roti;
- (d) trasport pubbliku u infrastruttura pubblika;
- (e) passaġġi tal-istess livell triq/ferrovija.

4. Dwal, sinjali u marki:

- (a) sinjali tat-triq koerenti, li ma jfixklux il-viżibbiltà;
- (b) iċ-ċarezza tas-sinjali (il-pożizzjoni, id-daqs, il-kulur);
- (c) arbli tas-sinjali;
- (d) marki tat-triq koerenti u d-delinjazzjoni tagħhom;
- (e) ċarezza tal-marki tat-triq (pożizzjoni, dimensjonijiet u retroriflettività f'kundizzjonijiet xotti u mxarrbin)
- (f) kuntrast xieraq tal-marki tat-triq;
- (g) dwal tat-toroq imdawla u tal-intersezzjonijiet;
- (h) apparat tal-ġenb tat-triq xieraq.

5. Sinjali tat-traffiku:

- (a) tħaddim;
- (b) viżibbiltà.

6. Oġġetti, iż-żoni ħielsa u sistemi ta' trażżin fit-toroq:

- (a) l-ambjent fil-ġenb tat-triq, inkluża l-veġetazzjoni;
- (b) perikli mal-ġenb tat-triq u distanza mit-tarf tal-karreġġjata;
- (c) adattament tas-sistemi ta' lqugħ li jkunu xierqa għall-utent (central strips u barrikati kontra l-ħbit għall-evitar tal-perikli għall-utenti vulnerabbli);
- (d) is-sistemi għat-truf tal-barrikati kontra l-ħbit;
- (e) sistemi ta' lqugħ xierqa fit-toroq fuq pontijiet u kanali;
- (f) reċinti (f'toroq b'aċċess ristrett).

7. Bankini:
 - (a) difetti tal-bankini;
 - (b) reżistenza kontra ż-żliq;
 - (c) materjal sfuż/żrar/ġebel;
 - (d) l-iffurmar ta' għadajjar, skular tal-ilma.

8. Kwistjonijiet oħrajn:
 - (a) provvedimenti ta' żoni ta' parkeġġ u żoni ta' mistrieħ sikuri;
 - (b) provvedimenti għal vetturi tqal;
 - (c) tgħammix mill-fanali ta' quddiem;
 - (d) xogħlijiet fit-triq;
 - (e) attivitajiet perikolużi mal-ġenb tat-triq;
 - (f) informazzjoni xierqa dwar l-apparat tal-ITS (eż. sinjali b'messaġġi varjabbli);(g) fawna selvaġġa u annimali;
 - (h) twissijiet ta' żoni tal-iskejjel (jekk applikabbli).”;

- (4) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Anness III

ELEMENTI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAT-TOROQ FIN-NETWERK KOLLU

1. Ġenerali:
 - (a) tip ta' triq fir-rigward tat-tip u d-daqs tar-reġjuni/bliet li tgħaqqad;
 - (b) tul tas-sezzjoni tat-triq;
 - (c) tip ta' żona (rurali, urbana);
 - (d) l-użu tal-art (użijiet edukattivi, industrijali, kummerċjali, residenzjali, agrikoli, żoni mhux żviluppati);
 - (e) densità tal-punti ta' aċċess għall-proprjetà;
 - (f) il-preżenza ta' toroq tas-servizz (eż. għal ħwienet);
 - (g) preżenza ta' xogħlijiet tat-toroq;
 - (h) preżenza ta' postijiet tal-parkeġġ.

2. Volumi tat-traffiku:
 - (a) volumi tat-traffiku;
 - (b) volumi ta' muturi osservati;
 - (c) volumi ta' nies bil-mixi osservati fuq iż-żewġ naħat, flimkien ma' persuni li jimxu għat-tul tat-triq jew persuni li jaqsmuha;

- (d) volumi ta' biċikletti osservati;
- (e) volumi ta' vetturi tqal osservati;
- (f) flussi ta' persuni bil-mixi stmati mill-attributi tal-użu tal-art kontigwa;
- (g) flussi ta' biċikletti stmati mill-attributi tal-użu tal-art kontigwa.

3. Dejta dwar l-aċċidenti:

- (a) Għadd ta' fatalitajiet u fejn għaw skont il-grupp ta' utenti tat-triq;
- (b) Għadd ta' korrimenti serji u fejn għaw skont il-grupp ta' utenti tat-triq.

4. Karatteristiċi operazzjonali:

- (a) limitu tal-veloċità (ġenerali, għall-muturi; għat-trakkijiet);
- (b) veloċità tat-tħaddim (il-85 perċentil);
- (c) ġestjoni tal-veloċità u/jew ikkalmar tat-traffiku;
- (d) preżenza ta' apparati tal-ITS: twissijiet dwar punti ta' konġestjoni, sinjali b'messaġġi varjabbli;
- (e) twissijiet dwar żoni tal-iskejjel;
- (f) il-preżenza ta' superviżur tal-qsim tat-triq f'perijodi preskritti.

5. Karatteristiċi ġeometriċi:

- (a) Karatteristiċi tas-sezzjoni trażversali (għadd, tip u wisa' tal-karreġġati, kif inhuma mqassma x-shoulders ċentrali medjani kif ukoll il-materjal tagħhom, karreġġati għar-roti, trejġiet għall-mixi eċċ.), inkluża l-varjabbiltà tagħhom;
- (b) kurvatura orizzontali;
- (c) grad u allinjament vertikali;
- (d) viżibbiltà u distanzi viżivi.

6. Oġġetti, iż-żoni ħielsa u sistemi ta' trażżin fit-toroq:

- (a) l-ambjent tal-ġenb tat-triq u żoni miżmuma vojta;
- (b) l-ostakli fissi fil-ġenb tat-triq (eż. l-arbli tad-dawl, siġar, eċċ.);
- (c) distanza tal-ostakli mill-ġenb tat-triq;
- (d) densità tal-ostakli;
- (e) rumble strips;
- (f) sistemi tal-ilqugħ tat-triq.

7. Intersezzjonijiet:

- (a) it-tip ta' intersezzjoni u l-għadd ta' daħliet/ħarġiet (innota b'mod partikolari t-tip ta' kontroll u l-preżenza ta' dawriet protetti);

- (b) jekk hemmx direzzjonament tal-karreġġati (channelisation);
- (c) kwalità tal-intersezzjoni;
- (d) volum tat-triq tal-intersezzjoni;
- (e) il-preżenza ta' intersezzjonijiet ferrovjarji mat-toroq.

8. Manutenzjoni:

- (a) difetti tal-bankini;
- (b) reżistenza tal-bankina kontra ż-żliq;
- (c) kundizzjoni tax-shoulder (inkluża l-veġetazzjoni);
- (d) kundizzjoni tas-sinjali, tal-marki u d-delinjazzjoni;
- (e) kundizzjoni tas-sistemi tal-ilqugħ tat-triq.

9. Faċilitajiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

- (a) postijiet fejn jaqsmu l-persuni bil-mixi (fil-livell tat-triq jew fuq livell differenti);
- (b) barrikati għall-persuni bil-mixi;
- (c) eżistenza ta' bankini jew faċilità separata;
- (d) faċilitajiet għar-roti;
- (e) il-kwalità tal-post fejn jaqsmu l-persuni bil-mixi f'dak li jirrigwarda l-viżibbiltà u s-sinjali tal-faċilità;
- (f) il-faċilità għall-qsim tat-triq fuq id-daħla ta' triq minuri li tingħaqad man-network.”;

(5) fl-Anness IV, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. il-pożizzjoni preċiża kemm jista' jkun tal-inċident, inklużi l-koordinati tal-GNSS;”.